## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. MARK ANTHONY MUSCAT (KI. 161182M)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**20/06/2023**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

Data u Ħin: **Nhar it-18/07/2020 ghal habta ta` 00:30hrs**

Post: **TRIQ HAL FAR** Lokalita': **BIRZEBBUGA**

**(1) Soqt jew ppruvajt issuq, jew kellek kontroll ta` vettura bil-mutur jew vettura ohra li kienet fit-triq jew f`post pubbliku iehor waqt li ma kontx f` kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi** ( Kap 65 Artiklu 15A (1) )

**(2) Soqt jew ppruvajt ssuq, jew kellek kontroll ta` vettura bil-mutur ohra fit-triq jew f`post pubbliku wara li kkonsmajt tant alkohol li l-proporzjon tan-nifs, tad-demm jew tal-urina tkun izjed mil-limitu preskritt** ( Kap 65 Artiklu 15B (1) )

**(3) Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b`nuqqas ta kont** ( Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2) )

**(4) Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra bi traskuragni** ( Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3) )

**(5) Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b`mod perikoluz** ( Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2) )

**(6) Waqt li kont qed issuq l-imsemmija vettura qsamt il-linja bajda kontinwa jew min studs imwahhla madwar kantuniera jew linja.** ( L.S. 65.11 Artiklu 88 )

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill-Licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta` zmien li l-Qorti jidrilha xieraq

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' PC 1399 Keith Schembri (affidavit), PC 1235 David Mercieca (affidavit) u PS 1227.

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

*Provi*

1. Jirriżulta mill-affidavits ta' **PC 1399 Keith Schembri** u **PC 1235 David Mercieca** mir-*Rapid Intervention Unit* li fid-data, ħin u lok indikati fil-komparixxi, filwaqt li kienu xogħol *"night watch duty"* u għaddejjin bil-vettura tas-servizz ġewwa Triq Ħal Far, limiti ta' Birżebbugia, huma nnutaw vettura tal-għamla Porsche Boxter bin-numru ta' reġistrazzjoni HBL 913 li fil-liwja eżattament maġenb is-sala "Villa Blanche" **qabżet il-linji bojod kontinwi u marret fid-direzzjoni opposta**. Il-vettura twaqqfet mill-Pulizija u x-xufier ġie identifikat bħal l-imputat Mark Anthony Muscat. Skond PC 1399 u PC 1235 ix-xufier **kellu riħa qawwija ta alkohol, beda jixxengel meta ħareġ minn ġewwa l-vettura u beda jħawwad fid-diskors tiegħu**.

2. Fix-xhieda tiegħu mogħtija fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2022 **PS 1227 Malcolm Pace** ikkonferma li fid-data u ħin in kwistjoni huwa intalab minn PC 1399 u PC 1235 sabiex jagħtihom assistenza in konnessjoni mal-każ. Huwa rrikora fuq il-lok ossia' fi Triq Ħal Far, Birzebbugia u sab lill-imputat (li huwa għaraf fl-awla) fi stat eċċitat. Dan beda jilmenta miegħu li kien dispjaċut li twaqqaf u ma kienx jixraqlu dan billi huwa jaħdem bħala pilota u għalhekk jagħti servizz lill-pajjiż. Ix-xhud ikkonferma li meta kellem lill-imputat irriżultalu li kellu riħa ta' alkohol. Spjega ukoll illi qabel ma għamillu t-test tal-*breathalyser* huwa qralu d-drittijiet tiegħu fosthom id-dritt li jikkonsulta avukat, id-dritt tas-silenzju u l-konsegwenzi legali jekk huwa jirrifjuta li jagħti kampjun tan-nifs. Għalkemm għall-ewwel ma bediex jagħti kas ta' x'kien qed jgħidlu PS 1227, sussegwentement aċċetta li jagħmel it-test. Wara numru ta' tentattivi peress illi l-imputat ma kienx qed jonfoħ sew, mar-raba darba ġie rreġistrat t-test. Ix-xhud esebixxa c-*chit* f'dan ir-rigward (li tindika *alcohol content* ta' 103.0 ug/100ml) iffirmata mill-imputat. Fuq mistoqsija tal-Qorti dwar jekk huwa rreġistrax bil-miktub ir-rifjut tal-imputat li jkellem lil avukat tal-fiduċja tiegħu, x-xhud stqarr illi huwa kien mifni bix-xogħol u ma setax jgħaddilu l-formola tar-rinunzja sabiex tiġi ffirmata. Madanakollu huwa talab lill-imputat sabiex l-għada jirrapporta l-għassa taż-Żurrieq għal dan il-għan u anke sabiex ikun f'kundizzjoni aħjar li jagħtih stqarrija. Però l-imputat infurmah li ma

kienx ser jagħmel dan u filfatt baqa' ma rrappurtax l-Għassa. Il-Qorti tinnota li akkużi f'dan ir-rigward ma nħarġux.

*Kunsiderazzjonijiet*

3. Dwar it-tieni imputazzjoni, il-liġi tippreskrivi b'mod ċar fl-Art. 355 AUA (6) tal-Kodiċi Kriminali illi:

> **"Meta l-persuna miżmuma tagħżel li ma tfittixx assistenza legali l-Pulizija Eżekuttiva, l-uffiċjal li jkun qiegħed jinvestiga jew kull awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja għandhom jirrekordjaw dan il-fatt bil-miktub fil-preżenza ta' żewġ xhieda ..."**

4. Issa f'dan il-każ l-uffiċjal li nforma lill-imputat bid-dritt għal assistenza legali qabel it-teħid tal-kampjun tan-nifs naqas milli jirreġistra r-rifjut tal-imputat milli jirrikorri għal tali assistenza. Il-Qorti tifhem illi dan sar mhux b'mod kapriċċjuż iżda proprju għaliex l-istess uffiċjal kien mifni bix-xogħol fuq barra u oltre minn hekk irraġuna li seta' jieħu din id-dikjarazzjoni ta' rinunzja ffirmata mill-imputat l-għada stess fl-Għassa tal-Pulizija meta dakinhar l-imputat kien mistenni li jkun f'qagħda aħjar biex jagħti stqarrija. Il-Qorti però tara li apparti li l-imputat baqa' ma rrapurtax l-Għassa, xorta waħda dan m'huwiex dak li trid il-liġi. Il-ħtieġa li l-imputat jingħata d-dritt tal-assistenza legali qabel ma jagħti kampjun tan-nifs huwa proprju biex *a tempo vergine* l-imputat jieħu parir legali dwar jekk għandux jaċċetta jew le li jagħti l-kampjun tan-nifs. L-għoti ta' din ir-rinunzja bil-miktub l-għada stess tal-akkadut għalhekk ma jissodisfax il-vot tal-liġi. Billi l-allegat rinunzja tal-imputat ma' tistax titqies li kienet waħda valida, ma' jistax jingħad li l-imputat ngħatalu d-dritt għal tali assistenza skond il-liġi **<u>qabel</u>** ma' ġie amministrat lilu t-*test* tal-*breathalyser*. Dan ifisser illi t-*test* kollu inkluż ir-riżultat tiegħu ma' jistax jitqies bħal prova ammissibbli minn din il-Qorti u għalhekk it-tieni imputazzjoni ma' tirriżultax.

5. Dwar l-ewwel imputazzjoni, fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Alexia Falzon</u>** (Appell Kriminali, Appell Nru. 101/2017 EG, 03/05/2019) ingħad illi:

*"Illi l-gurisprudenza tghallem li: "Kif din il-Qorti kellha okkazzjoni tosserva fis-sentenza taghha tat-2 ta' Settembru, 1999 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Francis Pace, biex jigi deciz jekk persuna kienitx qed issuq "meta l-kapacita` taghha li ssuq sew [kienet] ghal xi hin imnaqqsa" minhabba xorb (jew drogi) bi ksur ta' l-Artikolu 15A, wiehed jista' jiehu in konsiderazzjoni provi ohra, cioe` apparti mir-risultat o meno ta' l-analizi maghmula skond l-Artikolu 15E. Tali prova ohra tista' tinkludi il-komportament u l-kundizzjoni fizika tas-sewwieq, kif ukoll ir-risulatat tat-test (preliminari) tan-nifs maghmul taht l-Artikolu 15C.*

*Illi l-gurisprudenza tghallem ukoll li ghalkemm ma hemmx necessarjament ness bejn ir-reat kontemplat fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta u l-fatt li l-analizi tan-nifs (a differenza tat-test tan-nifs) ikun inkomplet jew ma jsirx, madanakollu:*

*Meta l-ligi titkellem dwar "inkapacita` fizika jew mentali" qed tirreferi ghal inkapacita` li trid tezisti indipendentement mill-istat ta' intossikazzjoni li tkun fiha l-persuna li tintalab taghti l-kampjun, kif ukoll indipendentement mill-ansjeta` dovuta ghall-fatt li dik il-persuna tkun involuta f'incident awtomobilistiku."*

6. Mix-xhieda tal-uffiċjali tal-Pulizija rriżulta illi **<u>waqt</u>** is-sewqan l-imputat wettaq manuvra illegali billi qabeż il-linji bojod kontinwi u mar fid-direzzjoni opposta, u **<u>wara</u>** li twaqqaf irriżulta illi l-imputat kellu riħa qawwija ta' xorb, beda jixxengel u beda iħawwad fid-diskors tiegħu. Dan kollu inissel fil-Qorti l-konvinċiment morali illi fid-data, ħin u lok indikati fil-komparixxi l-imputat saq il-vettura in kwistjoni meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba sokor.

7. It-tielet, raba u ħames imputazzjonijiet huma li l-imputat saq b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni u b'mod perikoluż rispettivament. L- Artikolu 15(1)(a) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65) jipprovdi hekk:

**'15. (1) Kull min –**

**(a) isuq vettura bil-mutur ... b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż,... ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn sena."**

Imbagħad l-Artikoli 15(2) u (3) jipprovdu illi:

> **'(2) Meta r-reat ikun jikkonsisti f'sewqan ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż, il-qorti, b'żieda tal-piena taħt is-subartikolu (1), għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan, f 'każ tal-ewwel kundanna, għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur, u f'każ tat-tieni kundanna jew kundanna oħra wara għal żmien ta' mhux anqas minn sena.**
>
> **(3) Fil-każ ta' kull reat ieħor taħt is-subartikolu (1) il-qorti b'żieda għall-piena skont dak is-subartikolu, għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' mhux anqas minn tmint ijiem'**

8. Dwar il-provi ta' sewqan b'mod traskurat, bla kont u b'mod perikoluż, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet qalet fis-sentenza mogħtija nhar is-6 ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**' illi:

> *"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat…sewqan bla kont hu sewqan bi traskuragni kbira u tinkludi kazijiet fejn wiehed deliberament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabilta ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi … sewqan perikoluz jirrekjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi."*

9. L-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 jirreferi għal sewqan b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż. It-test Ingliż tal-liġi jirreferi għal sewqan "*in a reckless, negligent or dangerous manner*". Pero l-Artikolu 15(2) imbagħad jirreferi għal sewqan "bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż" filwaqt li t-test Ingliż tal-Art. 15(2) jirreferi għal sewqan "*in a reckless or dangerous manner*". Huwa evidenti għalhekk illi bil-kliem "*sewqan bi traskuraġni kbira*" fl-Artikolu 15(2) il-leġislatur ried ifisser "*sewqan bla*

*kont*". L-iskwalifika iktar severa għal sewqan bla kont u sewqan perikoluż imposta fl-Artikolu 15(2) – b'differenza għal dik inqas severa għal sewqan traskurat imposta fl-Artikolu 15(3) – tirrifletti l-gravita' differenti illi l-leġislatur jattribwixxi għal dawn il-modi ta' sewqan.

10. Fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija v. Jason Scerri</u>**' (Qorti tal-Maġistrati Kumpilazzjoni Nru.: 1131/13 RM – deċiża 01/11/2018) il-Qorti qalet hekk:

> *"Jinghad illi l-kuncett ta' sewqan perikoluz u sewqan bla kont ghalkemm mhux imfissra espressament fil-ligi taghna, huwa identifikabbli mal-kuncett ta' recklessness fil-ligi Ingliza fejn jinsab ritenut illi, sabiex jissussisti l-mens rea ta' recklessness, m'hijiex bizzejjed kondotta merament traskurata jew imprudenti izda wahda li timmanifesta non-kuranza totali ghar-riskji li johloq. Fil-kaz Quinn vs. Cunningham, Lord Justice-General Clyde fisser li sabiex tip ta' kondotta jikkwalifika bhala reckless jehtieg li jigi identifikat:- "… an utter disregard of what the consequences of the act in question may be in so far as the public are concerned."*
>
> *Il-Blackstone jaghmel referenza ghall-CPS Policy for prosecuting cases of bad driving biex ifisser mil-lenti tal-ligi Ingliza, x'tip ta' sewqan jista' jitqies b'success ghall-finijiet ta' imputazzjoni ta' sewqan perikoluz:- "… racing or competitive driving; speed which is highly inappropriate for the prevailing road or traffic conditions; aggressive driving, such as sudden lane changes, cutting into a line of vehicles or driving much too close to the vehicle in front; disregard of traffic lights and other road signs, which, on an objective analysis, would appear to be deliberate; disregard of warnings from fellow passengers; overtaking that could not have been carried out safely; driving a vehicle with a load that presents a danger to other road users; where the driver is suffering from impaired ability such as having an arm or leg in plaster, or impaired eyesight; driving when too tired to stay awake; driving a vehicle knowing it has a dangerous defect; … … … or similar, in circumstances where the driver was avoidably and dangerously distracted by that."*
>
> *Ferm il-konsiderazzjonijiet appena rapportati, huwa evidenti li d-differenza bejn l-addebitu tas-sewqan perikoluz u s-sewqan bla kont hija wahda ta' grad fejn, biex ir-recklessness manifestata fis-sewqan tilhaq il-grad ta' sewqan perikoluz, il-kondotta ghandha ggib maghha perikolu ghas-sigurta` tal-pubbliku u/jew proprjeta`. Infatti, jigi osservat ghall-finijiet ta' piena l-legislatur taghna pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa."*

11. Mill-provi filwaqt li s-sewqan b'mod perikoluż ma jirriżultax, huwa ċar illi l-manuvra llegali li wettaq l-imputat flimkien mal-kundizzjoni tas-sewqan tiegħu kienu tali illi jagħmlu s-sewqan bħala wieħed b'nuqqas ta' kont ossia' bi traskuraġni kbira. Għalhekk it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet jirriżultaw pruvati.

12. Tirriżulta ppruvata ukoll mix-xhieda fuq elenkata s-sitt imputazzjoni.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija l-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet numru tnejn u ħamsa, wara li rat l-artikoli tal-liġi u ċioe l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65, in kwantu għal sewqan bi traskuraġni kbira ossia' bla kont, u l-Art. 15A(1) u 15H(1)(a) tal-Kap. 65 flimkien mal-Art. 88 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 ssibu ħati tal-imputazzjonijiet numru wieħed, tlieta, erbgħa u sitta u tikkundannah iħallas multa ta' elfejn euro (€ 2,000). B'żieda mal-piena, ai termini tal-Art. 15H(2) tal-Kap. 65 il-Qorti qed tiskwalifika lill-imputat mill-liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' sitt (6) xhur.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur